# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru 2020**

**Numru 13**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 33/2016/1 MH**

***J.E.M. Investments Limited* (C 6861)**
***v.***
**Avukat Ġenerali; Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorità tal-Artijiet; u Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet**

1. Dan huwa appell tal-Awtorità tal-Artijiet ["l-Awtorità"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha fit-8 ta' Novembru 2019 li biha sabet ksur tad-drittijiet tas-soċjetà attriċi mħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u l-art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ["l-Ewwel Protokoll"]. Bħala rimedju l-ewwel qorti ordnat lill-Awtorità u lid-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet ["id-Direttur Ġenerali"] (iżda mhux ukoll lill-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, li nħeles mill-ħarsien

tal-ġudizzju) sabiex flimkien iħallsu lill-attriċi s-somma ta' tletin elf euro (€30,000) bħala danni morali.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Fl-1973 il-gvern kien okkupa porzjon art f'Wied Blandun fil-limiti tal-Fgura u Paola tal-kejl ta' madwar 15,340 m.k. … … …

»Permezz ta' kuntratt datat 31 t'Awissu 1989 is-soċjetajiet *IMA Trading Co Ltd* u *B & B Investments Ltd* xtraw żewġ porzjonijiet mill-art imsemmija ta' kejl totali ta' 7,845 m.k. in kwantu għal porzjon ta' qies 6,189 m.k. u porzjon ta' qies 1,656 m.k. Eventwalment dawn is-soċjetajiet ġew amalgamati fis-soċjetà rikorrenti J*.E.M. Investments Ltd* li b'hekk saret is-sid tal-porzjonijiet imsemmija.

»Huwa paċifiku li din il-art intużat għal skop pubbliku, senjatament għall-użu ta' toroq, sabiex issir *playing field* u parti oħra ntużat għall-għanijiet tal-Kunsill Lokali tal-Fgura.

»Fis-16 ta' Jannar 2008 is-soċjetà rikorrenti intavolat proċeduri ċivili rik. ġur. 42/08 fl-ismijiet *JEM Investments Ltd v.* Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, Kummissarju tal-Artijiet u Avukat Ġenerali sabiex fost affarijiet oħra jitolbu lill-qorti tordna li jsiru d-debiti proċeduri t'esproprjazzjoni, liema proċeduri ġew deċiżi b'sentenza tat-30 ta' Marzu 2012.

»Fil-mori ta' dawk il-proċeduri ċivili, u senjatament fis-6 t'Ottubru 2010, ġiet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fil-Gazzetta tal-Gvern li permezz tagħha l-art in kwistjoni ġiet dikjarata meħtieġa għal skop pubbliku. Il-valur tal-art ġie stmat fl-ammont ta' €341,192 a bażi ta' stima maħruġa mill-Perit Mario Cassar inkarigat mill-gvern. Irriżulta wkoll li preċedentement għal dik l-istima l-gvern kien ingħata stima oħra mill-perit Valentino, ukoll inkarigat minnu, għall-valur totali ta' *circa* €2.6 miljun, liema stima però ma ġietx aċċettata mill-gvern.

»Sussegwentement, fl-10 ta' Marzu 2011, il-Kummissarju tal-Artijiet intavola ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 88 fejn informa lis-soċjetà *J.E.M. Investments Lt*d li għall-partijiet tal-proprjetà f'Wied Blandun li kienu jappartjenu lilha kien lest joffri kumpens ta' €137,656 u €36,833 rispettivament.

»*In vista* tal-fatt li s-soċjetà rikorrenti m'aċċettatx il-kumpens lilha offrut mill-gvern, fit-23 ta' Marzu 2011 is-soċjetà rikorrenti intavolat proċeduri quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet fejn talbet lill-bord jiffissa kumpens xieraq għax-xiri assolut tal-art in kwistjoni mill-gvern. B'sentenza datata 17 ta' Frar 2016 il-bord iddeċieda billi akkorda lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €2,594,922 għall-*plot* ta' kejl 6,189 m.k. u €16,608 għall-*plot* ta' kejl 1,656 m.k. Dik is-sentenza ġiet appellata,

> liema appell għadu qiegħed jinstema' u jirriżulta li s-seduta li jmiss hija differita għad-9 ta' Jannar 2020[1].«

3. Peress li kienet għadha ma rċeviet l-ebda kumpens għat-teħid tal-proprjetà tagħha s-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża sabiex titlob lill-qorti:

> »1. tiddikjara u tiddeċiedi illi [*sc.* t-teħid mill-gvern ta'] l-art … … … esproprjata b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali … … … u legalment esproprjata fit-3 ta' Settembru 2010 b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Ottubru 2010 … [*sc.* hija] esproprjazzjoni tardiva u tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fosthom l-artikolu 37 u l-artikolu 32(*a*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll id-drittijiet protetti mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 1 tal-*Protocol* 1 tal-istess konvenzjoni … … … għaliex ġiet esproprjata 43 sena ilu u sal-ġurnata tallum l-ħlas ta' kumpens ġust għadu mhux finalizzat;
>
> »2. tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dewmien fid-determinazzjoni tal-proċeduri li suppost kellhom jiġu istitwiti mill-intimat jew min minnhom għal kumpens xieraq fuq l-art li ġiet esproprjata għal skopijiet pubbliċi … … … jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom fid-determinazzjoni ta' din il-vertenza mill-esproprju effettiv fl-1973 sal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell;
>
> »3. konsegwentement tikkundanna lill-intimati u / jew min minnhom iħallsu dawk id-danni li jiġu likwidati in kumpens għal fuq imsemmija vjolazzjonijiet.
>
> »Bl-ispejjeż … … …«

4. Safejn relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell, il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »Illi in suċċint il-lanjanzi tas-soċjetà rikorrenti huma fis-sens li l-mod kif ġiet esproprjata l-proprjeta fil-limiti ta' Casal Paola u Fgura fil-kuntrada ta' Wied Blandun kontrada wkoll ta' Għajn Dwieli allegatament sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-artikolu 37 u 32(*a*) tal-Kostituzzjoni, bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba dewmien irraġjonevoli minn naħa tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet li jistitwixxi l-proċeduri skond il-liġi sabiex jiġi iffissat kumpens xieraq għal-esproprjazzjoni tal-art in kwistjoni.

[1] L-appell fil-kawża *J.E.M. Investments Ltd v.* Kummissarju tal-Art (rik. 6/2011) inqata' fid-9 ta' Lulju 2020. Is-sentenza tas-17 ta' Frar 2016 tal-Bord tal-Arbitraġġ tal-Artijiet ġiet konfermata.

»Illi l-esponenti jirrespinġu dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt … … …

»… … …

»3. … l-esponenti jeċċepixxu li r-rikorrenti ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji li tagħtihom il-liġi. … … …

»… … …

»6. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fuq il-mertu, ir-rikorrenti qed jilmentaw minn dewmien irraġjonevoli sabiex jiġi ffissat kumpens għal-esproprjazzjoni tal-art in kwistjoni bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, sabiex qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura. Huwa aċċettat ukoll li ma hemm l-ebda *time limit* li jrid jiġi osservat fil-kors tal-proċeduri quddiem qorti għax inkella l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta. Illi hija ġurisprudenza kostanti li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandhiex tiġi determinata fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet kawża għaddejja imma għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun.

»7. illi fil-każ odjern il-lanjanza tirreferi għal dewmien *se mai* amministrattiv li ma jistax jingħad li b'xi mod jista' jiġi inkwadrat bħala dewmien quddiem tribunal jew qorti. Fil-fatt il-proċeduri istitwiti quddiem l-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet imxew b'mod spedit u s-soċjetà rikorrenti lanqas ma tista' titfa it-tort ta' dan l-allegat dewmien fuq il-Kummissarju tal-Artijiet sempliċement għaliex għażel, kif kellu kull dritt li jagħmel, li jintavola appell mid-deċiżjoni mogħtija mill-bord.

»… … …

»9. illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess u għall-ġieh tal-argument biss, jekk din l-onorabbli qorti ssib li verament kien hemm xi dewmien irraġjonevoli u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta' kumpens bħala danni morali u mhux ta' danni materjali.

»10. illi *se mai* kwalunkwe dewmien fil-każ odjern kien ta' benefiċċju għar-rikorrenti u dan *stante* li l-kumpens li ser jirċievu tal-proprjetà odjerna huwa l-valur li kienet iġġib il-proprjetà kieku mibjugħa fuq is-suq voluntarjament tal-2010, *cioè* meta ġiet akkwistata u mhux il-valur tal-1973, *cioè* meta ittieħed il-pussess tagħha.

»11. L-esponenti jissottomettu li kuntrarjament għal dak espress mir-rikorrenti … … …, meta l-bord jiffissa l-kumpens, ir-rikorrent jingħata wkoll l-imgħax fuq is-somma aġġiudikata mid-data meta l-art għaddiet fil-pussess tal-gvern u dan *ai termini* tal-artikolu 12(3) u l-Iskeda numru 2 tal-Kap. 88. Għalhekk il-liġi tipprovdi kemm għall-kumpens ġust kif ukoll għall-kumpens għad-dewmien fl-għoti tal-istess kumpens. Dan finalment ifisser li t-trapass ta' żmien li kien hemm f'dan il-każ kien tassew favorevoli għas-soċjetà rikorrenti u dan huwa rifless mill-imgħaxijiet attribwibbli f'dan il-każ.

»… … …

5. Wara li ġiet awtorizzata tagħmel hekk b'dikriet tal-ewwel qorti tas-16 t'April 2018 l-Awtorità b'nota tal-20 ta' April 2018 ressqet eċċezzjoni ulterjuri li tgħid hekk:

> »L-eċċezzjoni ta' *res judicata ai termini* tal-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* illi t-talbiet *in toto* jew in parti ġew deċiżi fil-kawża fl-ismijiet *J.E.M. Investments Limited (C6861) v.* Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet *et* (42/2008 AL) li għaddiet in ġudikat nhar it-30 ta' Marzu 2012.«

6. L-Avukat Ġenerali wkoll ressaq l-istess eċċezzjoni b'nota tiegħu tas-27 t'April 2018.

7. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »Għal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –
>
> »1. tilqa' l-ewwel[2], it-tieni[3] u l-ħames[4] eċċezzjoni preliminari tal-intimati;
>
> »2. tillibera lill-intimat Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> »3. tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati, inkluż l-eċċezzjoni ulterjuri, ħlief safejn jirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;
>
> »4. tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tas-soċjetà rikorrenti ħlief safejn jirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;
>
> »5. tilqa' t-tielet talba tas-soċjetà rikorrenti u tillikwida s-somma ta' tletin elf euro (€30,000) bħala danni morali li għandhom jitħallsu mill-Awtorità tal-Artijiet u mid-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet solidalment bejniethom.
>
> »6. L-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-intimati Awtorità tal-Artijiet u mid-Direttur Ġenerali tax-Xogħolijiet solidalment bejniethom ħlief għal dawk marbuta mal-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjoni tal-intimati li għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.«

8. Safejn huma rilevanti għall-appell tal-Awtorità, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

---

[2] Dwar l-art. 32 tal-Kostituzzjoni.

[3] Dwar li l-Avukat Ġenerali ma huwiex kontradittur leġittimu.

[4] Dwar li dak li jsir taħt l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) huwa mħares taħt l-art. 47(9) tal-Kostituzjzoni.

»Ikkunsidrat:

»Is-soċjetà rikorrenti, *qua* sid ta' art li ġiet esproprjata *de facto* mill-gvern fis-snin sebgħin għal skop pubbliku, intavolat il-proċeduri odjerni fejn qiegħda tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u bl-artikolu 6 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni"). Dan minħabba l-allegat aġir tal-intimati jew min minnhom li wassal biex bosta snin wara s-soċjetà rikorrenti kienet għadha ma rċevietx kumpens ġust għal tali espropju kif ukoll minħabba dewmien fid-determinazzjoni tal-proċeduri li suppost kellhom jinbdew mill-intimati jew min minnhom għal kumpens xieraq fuq l-istess art.

»L-intimati min-naħa tagħhom irrespinġew il-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u ċaħdu li huma jew min minnhom illeda d-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti. Huma ressqu xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, u fil-mertu fost oħrajn argumentaw li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandhiex tiġi determinata fl-astratt jew fuq numru ta' snin li jkunu ilhom għaddejjin il-proċeduri iżda fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. *Inoltre* kwalunkwe dewmien għall-ħlas tal-kumpens kien *se mai* ta' benefiċċju għas-soċjetà rikorrenti peress li l-valur tal-kumpens li ser jingħatalha jikkorrispondi mal-perjodu meta l-art ġiet formalment esproprjata fl-2010 u mhux meta ttieħdet *de facto* fl-1973 dan inkluż imgħaxijiet dovuti.

»… … …

»Fl-ewwel lok ser jiġu trattati l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati.

»1. Eċċezzjoni dwar ir-*res judicata*

»L-intimati Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali eċċepew li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti fil-kawża odjerna diġà ġew *in toto* jew *in parte* deċiżi fil-kawża fl-ismijiet <u>*J.E.M. Investments Limited v.* Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet *et*</u> (42/2008AL) deċiżi definittivament fit-30 ta' Marzu 2012.

»… … …

»Il-qorti tosserva li l-premessi u t-talbiet imressqa is-soċjetà attriċi fil-proċeduri fl-ismijiet <u>*J.E.M. Investments Limited v.* Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet *et*</u> kienu hekk-

> »"1. illi huwa proprjetarju ta' art fil-limiti ta' Casal Paola u Fgura, fil-kuntrada ta' Wied Blandun, kontrada wkoll ta' Għajn Dwieli, liema art hija magħrufa bħala *ta' Ġemma sive Tal-Wied sive Tal-Bajjada sive Tal-Ġnien*, li għandha kejl ta' ċirka ta' 29,044.48 metri kwadri, pari għal ċirka 25.8 tmien. … … …
>
> »"2. illi din l-art ġiet akkwistata minn *B&B Investments Ltd* u *I M A Trading Company Ltd*;
>
> »"3. illi dawn iż-żewġ soċjetajiet ġew amalgamati fis-soċjetà *J.E.M. Investments Limited* a tenur tal-*Companies Act 1995*, biex b'hekk il-proprjetà in kwistjoni llum hija proprjetà tal-istess soċjetà attriċi rikorrenti;
>
> »"4. illi fis-snin sebgħin, din l-art in kwistjoni ġiet meħtieġa għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku tant illi l-art f'Wied Blandun,

Casal Paola, għandha *Land Reference Number L.143/73 Volume 2 – Wied Blandun* u għandha *file* relattiv ta' esproprjazzjoni mal-*Public Works* li għandu numru P.W1993/63;

»"5. illi, minn din l-art fuq deskritta, l-art li effettivament ġiet użata għal skopijiet pubbliċi għandha kejl ta' ċirka għaxart itmien u hija użata bħala *public playingfield*, toroq arterjali u sekondarji u parti oħra għal skopijiet tal-Kunsill Lokali tal-Fgura;

»"6. illi minkejja illi din l-art ilha hekk tiġi użata kif fuq ingħad għal żmien twil ħafna, dan kollu sar mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika ta' Malta, u, minkejja dan, l-intimati qabdu u daħlu fl-art, qed jagħmlu użu minnha, kejlu u ħadu l-livelli ta' dik l-art, ħaffru u taqbu taħt l-art u għamlu kull ħaġa oħra meħtieġa biex tiġi użata għal skopijiet pubbliċi tal-intimati, tant illi llum jinsabu mibnija toroq arterjali u sekondarji u *playing field* u mini;

»"7. illi l-pussess tal-art in kwistjoni ġie meħud u użat mill-intimati mingħajr ma saret ukoll il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, meħtieġa skond il-liġi *ai termini* tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta;

»"8. illi lanqas ma nħareġ l-avviż għal ftehim kif jitlob l-istess Kap. 88 biex l-imgħax jinħadem fuq il-valur iffissat f'dak l-avviż mid-data tat-teħid tal-pussess tal-art mill-awtorità kompetenti sat-trasferiment tat-titolu b'xirja assolut lill-Gvern ta' Malta u dan a tenur tal-artiklu 18A tal-Kap. 88, kif ukoll a tenur tal-artiklu 22(2) u (3) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta;

»"9. illi ma hemm l-ebda raġuni għalfejn id-Dikjarazzjoni Presidenzjali, l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u l-avviż għal ftehim ma jinħariġx rigwardanti l-art in kwistjoni ġaladarba l-art ittieħdet effettivament mill-intimati, tkejlet mill-periti tal-gvern u ġiet valutata mill-istess periti governattivi;

»"10. illi r-raġuni għaliex l-intimati ma jridux li tinħareġ id-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika u l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u l-avviż għal ftehim hu minħabba l-fatt illi a tenur tal-artiklu 22, sub-inċiż 3, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn tali avviż għal ftehim, il-gvern għandu jiddepożita f'kont bankarju li jirrendi imgħax ammont ta' flus li jkun daqs l-ammont ta' kumpens offrut fid-Dikjarazzjoni tal-President u dik is-somma tkun tista' tinġibed liberament flimkien ma' kull imgħax li jinġema' fuqha mill-attur rikorrent, li għandu jedd għal dak il-kumpens malli dan iġib il-prova li għandu jedd għaliha b'mod sodisfaċenti għal awtorità kompetenti;

»"11. illi ġaladarba din l-art in kwistjoni għadha ma ġietx legalment esproprjata mill-Gvern ta' Malta, għandhom jittieħdu l-proċeduri kollha stabbiliti mill-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta biex l-intimati jkunu jistgħu joħorġu l-avviż għal ftehim skond il-liġi biex ir-rikorrenti jekk jidhirlu jkun jista' jitħallas ta' dak illi huwa dovut lilu;

»"12. illi minn informazzjoni f'idejn l-attur rikorrent, il-valur ġie stabbilit mill-intimati u għal xi raġuni jew oħra huma ma jridux jottempraw ruħhom mal-obbligi kif naxxenti mill-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u jippubblikaw fil-Gazzetta tal-Gvern id-Dikjarazzjoni Presidenzjali ta' esproprju, kif ukoll jaslu għal avviż għal ftehim u konsegwentement iħallsu dak li hu dovut lir-rikorrenti;

»"13. illi l-attur rikorrenti ġie infurmat bil-valur kif stabbilit mill-periti tal-intimati biex iwasslu lill-istess intimati joħorġu l-avviż għal

ftehim u, minn din l-informazzjoni illi huwa għandu, huwa lest li jaċċetta tali stima;

»“14. illi, minkejja dan, l-intimati ma jridux joħorġu u jottempraw ruħhom mal-proċeduri kif stabbiliti fil-Kap. 88 tal-Liġijiet ta’ Malta, tant li dan ir-rifjut tagħhom li jottempraw ruħhom mal-liġi jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti bl-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll mill-artiklu 1 tal-Ewwel *Protocol* illi hemm mal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali;

»“15. illi żmien ta’ aktar minn ħamsa u għoxrin sena biex l-intimati joħorġu d-dikjarazzjoni presidenzjali, kif ukoll l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u biex jaslu għal avviż għal ftehim, huwa żmien irraġonevoli li jilledi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti għat-tgawdija ta’ ħwejġu u tal-kumpens lilu dovut fi żmien xieraq sabiex tikseb ħlas ta’ dak il-kumpens skond l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea u *cioè* l-artiklu 1 tal-Ewwel *Protocol* tal-Konvenzjoni Ewropea;

»“16. illi b’ittra uffiċjali tal-24 ta’ Jannar 2007 … ir-rikorrenti talbu lill-intimati biex jibdew u jikkompletaw il-proċediment tal-esproprju skond il-liġi u biex iħallsuh il-kumpens dovut lilu a tenur tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta’ Malta;

»“17. illi minkejja dan l-intimati baqgħu inadepjenti u, sal-ġurnata tallum, la ħarġet id-Dikjarazzjoni Presidenzjali ta’ esproprju tal-art fuq imsemmija, la ma ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u lanqas ma nħareġ l-avviż għal ftehim a bażi tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta’ Malta;

»Talbet:

“… … … prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi li l-konvenuti jgħidu għaliex din il-qorti m’għandhiex:

»“1. tiddikjara u tiddeċiedi illi parti sostanzjali ta’ ċirka għaxart itmien mill-art fil-limiti ta’ Casal Paola u Fgura, fil-kuntrada ta’ Wied Blandun, kontrada wkoll ta’ Għajn Dwieli, liema art hija magħrufa bħala *Ta’ Ġemma sive Tal-Wied sive Tal-Bajjada sive Tal-Ġnien*, li għandha kejl ta’ ċirka ta’ 29,044.48 metri kwadri, pari għal ċirka 25.8 tmien … ġiet meħtieġa u użata għal skopijiet pubbliċi u ilha hekk użata għal ħafna snin;

»“2. tordna li l-intimati biex fi żmien qasir u perentorju jagħmlu u jeżegwixxu l-proċeduri kollha neċessarji skond il-liġi biex tinħareġ id-Dikjarazzjoni Presidenzjali, isir l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u jersqu għal avviż għal ftehim skond l-istess Kap. 88 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan a tenur tal-liġi;

»“3. fin-nuqqas, tiddikjara lill-intimati responsabbli biex iħallsu l-kumpens dovut lir-rikorrent għat-teħid u użu tal-art għal skopijiet pubbliċi f’Casal Paola u Fgura fil-kuntrada ta’ Wied Blandun, liema art hija magħrufa bħala *Ta’ Ġemma sive tal-Wied sive Tal-Bajjada sive Tal-Ġnien* liema kumpens m’għandux ikun anqas minn dak li diġà ġie stmat u valutat mill-istess intimati;

»“4. tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti skont il-liġi għat-teħid u użu ta’ l-art kif fuq deskritt, liema kumpens m’għandux ikun anqas minn dak li ġie stmat u valut mill-istess intimati;

»"5. tikkundanna lill-intimati biex iħallsu dak il-kumpens dovut lir-rikorrenti skond il-liġi u hekk likwidat minn din il-qorti;

»"6. tiddikjara u tiddeċiedi illi ż-żmien ta' *oltre* ħamsa u għoxrin sena biex l-intimati jottempraw ruħhom mal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti l-esproprju tal-art magħrufa bħala *ta' Wied Blandun*, Paola / Fgura, hawn fuq riferita, huwa żmien irraġonevoli fi żmien xieraq sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens u jilledi d-drittijiet kostituzzjonali kif sanċiti fl-artikli 37 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea u *cioè* l-artiklu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea;

»"7. tikkundanna lill-intimati u tagħmel dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettieq ta' kull waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għal protezzjoni tad-dritt minn priv-azzjoni ta' proprjetà bla kumpens, inkluż biex iħallsu kumpens xieraq u adegwat fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-qorti u dan *stante* illi dan id-dewmien fl-esekuzzjoni tal-obbligi tal-intimati a tenur tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta jilledu d-drittijiet Kostituzzjonali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikli 37 u 46 tal-Kost-ituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea u *cioè* l-artiklu 1 tal-Ewwel *Protocol* tal-Konvenzjoni Ewropea."

»L-intimati jsostnu li fil-każ odjern it-tliet rekwiżiti meħtieġa sabiex tiġi konfermata *res judicata* huma sodisfatti.

»Is-soċjetà rikorrenti tirribatti li dan mhuwiex il-każ.

»… … … il-qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward –

»1. Dwar ir-rekwiżit tal-*eædem personæ* dan huwa ben sodisfatt in kwantu l-partijiet fil-kawża odjerna huma identiċi għal dawk tal-kawża rik. 42/08 AL. Dan għajr għall-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura li kien ġie mħarrek biss il-kawża rik. 42/08 (sussegwentement meqjus bħala mhux leġittimu kuntradittur) li fi kwalunkwe każ huwa rappreż-entant tal-gvern intimat l-istess bħall-intimati l-oħra.

»2. Dwar ir-rekwiżit *eadem res* il-qorti ssib li dan mhuwiex sodisfatt. Huwa minnu li l-ilmenti fil-kawża odjerna huma marbuta mal-istess medda ta' art mertu tal-kawża rik. 42/08AL iżda l-oġġett mitlub fit-talba tal-kawża odjerna mhuwhiex l-istess bħas-sentenza preċedenti. Infatti l-kawża odjerna hija intiża li tindirizza lmenti dwar ksur ta' drittijiet fundamentali, liema lmenti l-qorti ċivili ordinarja fil-każ rik. 42/08 m'għandhiex il-kompetenza li tiddeċiedi dwarhom. B'hekk anke l-perspettiva li minnha din il-qorti trid tindirizza l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti hija diversa minn dik tal-kawża li saret quddiem il-qorti ordinarja.

»3. Dwar ir-rekwiżit *eadem causa petendi* il-qorti ma taqbilx li t-talbiet fil-kawża odjerna huma l-istess bħal dawk rik. 42/08. L-ewwel ħames talbiet tal-kawża ċivili m'humiex riflessi fit-talbiet tal-kawża odjerna proprju għax jirrigwardaw materja ta' natura ordinarja, marbuta mal-proċess ta' esproprjazzjoni formali li sa dak iż-żmien kien għadu ma sarx. Dwar is-sitt u seba' talba tal-kawża rik. 42/08, għalkemm jirreferu għal ksur ta' drittijiet fundamentali li – kif ingħad u *nonostante* l-kummenti tal-qorti ordinarja f'dik is-sentenza – jaqgħu fil-mansjoni esklussiva tal-qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha, jibqa' l-fatt li mhumhiex identiċi għal dawk tal-proċeduri odjerni. Infatti fil-każ odjern l-allegazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti dwar id-dewmien fil-ħlas tal-

kumpens għall-esproprjazzjoni u dwar il-proċeduri sabiex jiġi determinat kumpens xieraq jirreferu għall-perjodu anke wara li saru l-proċeduri ċivili rik. 42/08, tant li sal-lum is-soċjetà rikorrenti għadha ma tħallsitx. *Inoltre*, fit-tielet talba tagħha fil-kawża kostituzzjonali s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob kumpens għal danni morali marbuta mal-allegati vjolazzjonijiet ta' drittijiet fundamentali, kostituzzjonali u konvenzjonali – talba li naturalment hija estranea għall-proċeduri ċivili ordinarji.

»Għaldaqstant l-eċċezzjonijiet tal-intimati Awtorità tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali sejrin jiġu miċħuda.

»… … …

»4. Eċċezzjoni dwar id-disponibilità ta' rimedju ordinarju

»… … …

»… … … l-qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, is-soċjetà rikorrenti kellhiex a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnha kif ukoll jekk tali rimedji indikati mill-intimati kinux jakkordaw rimedju sħiħ u reali għall-lanjanzi kollha tar-rikorrenti.

»Madankollu tispetta dejjem lill-qorti d-diskrezzjoni li, fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, tagħżel hi jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali / konvenzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

»… … …

»Il-bażi tal-eċċezzjoni tal-intimati odjerni hija li s-soċjetà rikorrenti kellha ċ-ċans matul is-snin li tiftaħ proċeduri ċivili sabiex tressaq l-ilment tagħha li d-Dipartiment tal-Artijiet dam ma ħa azzjoni biex jinbeda formalment il-proċess t'esproprjazzjoni u titlob li jiġi iffissat terminu perentorju sabiex dan iseħħ; u l-passività tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward ġie anke nnutat mill-qorti ordinarja fil-każ rik. 42/08AL.

»Il-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Kien l-obbligu tal-Kummissarju tal-Artijiet li jottempra ruħu tempestivament mal-provvedimenti tal-liġi mingħajr il-ħtieġa li l-individwu milqut ikun kostrett jieħu l-inizjattiva hu biex iġiegħel lill-istess Kummissarju jwettaq id-dover legali tiegħu li jmexxi formalment għall-esproprjazzjoni. *Se mai*, fil-każ tal-lum l-inerzja tas-soċjetà rikorrenti biex tieħu azzjoni għas-salvagwardja tad-drittijiet tagħha għandha tiġi kkunsidrata għall-fini tal-ammont likwidat bħala danni morali f'każ li jintlaqgħu il-lanjanzi tagħha, iżda żgur dan in-nuqqas m'għandux iservi biex l-istess rikorrenti tiġi mċaħħda milli tavvanza pretensjonijiet ta' natura kostituzzjonali bħal dawk imressqa fil-kawża odjerna.

»… … …

»Fid-dawl tas-suespost, l-eċċezzjonijiet tal-intimati dwar ir-rimedju ordinarju sejrin jiġu miċħuda.

»... … …

»Trattati l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati, imiss issa jiġu indirizzati t-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-kontendenti fir-rigward tal-mertu.

»Permezz tal-ewwel u t-tieni talba tagħha fir-rikors promotur, is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob lill-qorti tippronunċja ksur ta' drittijiet fundamentali tagħha. Hija tallega ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni peress li hija ġiet imċaħħda mill-proprjetà tagħha għal *circa* ħamsin sena u dan mingħajr ma rċeviet kumpens adegwat mill-gvern. Fil-fehma tal-istess rikorrenti dan wassal għal ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità u bilanċ bejn id-dritt tal-istat li jesproprja art għall-iskop pubbliku u d-dritt tas-sid li jirċievi kumpens xieraq għall-art esproprjata. Is-soċjetà rikorrenti torbot ukoll il-lanjanzi tagħha ma' ksur tal-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea in vista tat-trapass taż-żmien sabiex hija tieħu dak li hu tagħha bi dritt bi proċeduri li għadhom pendenti sal-lum.

»Naturalment *in vista* ta' dak li ġie deċiż fl-eċċezzjonijiet preliminari l-qorti mhijiex sejra tevalwa l-lanjanzi tar-rikorrenti taħt l-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni.

»Il-kronoloġija fattwali li temerġi mill-provi mressqa hija s-segwenti[5] –

»… … …

»… … … il-qorti mingħajr ebda dubju tasal għall-konklużjoni li d-drittijiet fundamentali tas-soċjetà rikorrenti kif protetti bl-artikolu 6 u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni ġew leżi.

»Il-każ odjern huwa wieħed fejn is-sidien tal-art li ttieħed pussess tagħha *de facto* mill-gvern fl-1973 għadhom sal-lum, u *cioè* sitta u erbgħin sena wara, ma rċevew ebda kumpens! Addirittura wara ħamsa u tletin sena mit-teħid tal-art, is-soċjetà rikorrenti spiċċat biex ħadet l-inizjattiva u intavolat proċeduri ċivili fl-2008 sabiex il-gvern jiġi ordnat mill-qorti sabiex jonora l-obbligi legali tiegħu u jifformalizza l-proċess t'esproprjazzjoni. Kien biss fil-mori ta' dawk il-proċeduri, fl-2010, li l-gvern għall-ewwel darba għamel pass u ppubblika d-dikjarazzjoni presidenzjali li permezz tagħha l-art in kwistjoni ġiet formalment dikjarata meħtieġa għal skop pubbliku. Kellha mbagħad tgħaddi sena oħra biex kompla l-proċess tal-offerta tal-kumpens mill-gvern permezz tal-ittra uffiċjali, li wara li ġiet rifjutata mis-sidien tat bidu min-naħa tagħhom għall-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ tal-Artijiet sabiex jiġi ffissat kumpens ġust. Dawk il-proċeduri quddiem il-Bord damu għaddejjin ħames snin oħra, sal-2016, u wara li ġew hemm deċiżi ġie intavolat appell mill-istess li sal lum għadu pendenti[6].

»L-intimati mkien f'dawn il-proċeduri ma taw raġuni li tispjega dan it-tkaxkir tas-saqajn da parti tagħhom għal dawn is-snin kollha fir-rigward tal-proċess formali t'esproprjazzjoni. Kif ingħad … hija l-probabiltà kbira li l-problema kienet nuqqas ta' fondi disponibbli għall-ħlas tal-kumpens, iżda għal din il-problema s-sid ma jaħtix u m'għandux iġorr il-piż. Żgur għalhekk li dan id-dewmien kollu la huwa ġustifikabbli u lanqas raġjonevoli. L-istess kif qalu l-qrati f'ċirkustanzi simili, dan kollu jwassal għall-konklużjoni li l-intimati ċaħħdu lis-soċjetà rikorrenti mid-dritt tagħha għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tagħha u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

---

5 Ara para. 2, *supra*.

6 Ara nota 1, *supra.*

»*Inoltre*, huwa *ormai* prinċipju ben rassodat fil-ġurisprudenza li t-teħid ta' proprjetà irid joħloq bilanċ ġust bejn l-interessi tal-istat u dawk tal-individwu milqut bl-esproprjazzjoni, liema bilanċ jirrikjedi li l-proċess ta' teħid u għoti ta' kumpens ġust jiġi konkluż fi żmien raġjonevoli. It-trapass taż-żmien fil-każ odjern infatti jwassal ukoll għal ksur tad-dritt ta' proprjetà tas-soċjetà rikorrenti taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għaliex hija ilha għal dawn is-snin kollha mċaħħda mill-proprjetà tagħha mingħajr ma ħadet kumpens adegwat, b'dana li ma kienx hemm bilanċ proporzjonat bejn l-interess tagħha u l-interess ġenerali. Anzi, s-soċjetà rikorrenti tħalliet fil-għama dwar id-drittijiet tagħha fir-rigward tal-art in kwistjoni.

»Kif anke ingħad fil-ġurisprudenza ċitata, għall-fini tal-kalkolu tar-raġjonevolezza taż-żmien ma jiġix meqjus biss iż-żmien li fih inbdew il-proċeduri uffiċjali relattivi iżda anke ż-żmien li l-awtoritajiet governattivi jieħdu biex proprju jibdew tali proċeduri. Ċertament, fil-każ odjern, id-dewmien esaġerat meħud mill-Kummissarju tal-Artijiet biex beda l-proċeduri formali għall-esproprjazzjoni tal-art jammonta għal vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli kif protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni peress li l-proċeduri għad-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tas-soċjetà rikorrenti twalet irraġonevolment kif spjegat fis-suespost.

»Għar-raġunijiet suesposti l-qorti tqis li l-ewwel u t-tieni talba tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu milqugħa (għajr safejn jirrigwardaw l-artikoli 32 u 37 tal-Kostituzzjoni).

»Għall-istess motivi s-sitt, is-seba' u t-tmiem eċċezzjoni tal-intimati sejrin jiġu miċħuda ħlief safejn jolqot l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

»It-tielet talba tas-soċjetà rikorrenti titlob lill-qorti tikkundanna lill-intimati u / jew min minnhom jħallsu dawk id-danni li jiġu likwidati in kumpens għal fuq imsemmija vjolazzjonijiet.

»Ma hemm ebda dubju li *in vista* tal-fatt li s-soċjetà rikorrenti sofriet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha, jistħoqqilha tingħata rimedju adegwat li fil-fehma tal-qorti għandu jkun wieħed pekunarju konsistenti f'danni morali sofferti mis-soċjetà rikorrenti.

»Il-qorti qieset il-fattispeċje partikolari tal-każ tal-lum inkluż it-trapass twil ta' żmien li għadda mingħajr ma s-soċjetà rikorrenti għadha rċeviet kumpens u dan kawża tal-inerzja tal-gvern; l-inerzja wkoll tas-soċjetà rikorrenti li taġixxi tempestivament sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tagħha; u l-fatt li s-soċjetà rikorrenti mistennija tirċievi kumpens adegwat għall-art fil-proċeduri li nbdew quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u li bħalissa jinsabu pendenti fl-appell[7].

»Għalhekk il-qorti tasal għall-konklużjoni li t-tielet talba tas-soċjetà rikorrenti timmerita li tiġi milqugħa u sejra tillikwida kumpens morali a favur is-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf euro (€30,000).«

[7] Ara nota 1, *supra.*

9. L-Awtorità appellat b'rikors tat-28 ta' Novembru 2019 li għalih wieġeb id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet fis-17 ta' Diċembru 2019 u s-soċjetà attriċi fil-25 ta' Frar 2020.

10. Qabel ma tqis l-aggravji tal-Awtorità appellanti din il-qorti tosserva li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ma sabitx ksur tad-drittijiet tas-soċjetà attriċi mħarsa taħt l-artt. 32 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Lanqas ma sar appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel qorti ħelset lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju. Dawn il-partijiet tas-sentenza appellata għalhekk issa saru finali.

11. L-ewwel aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' *res judicata*. L-Awtorità tgħid illi l-kawża tallum u dik bin-numru 42/2008 fl-ismijiet *J.E.M. Investments Limited v.* Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet *et* huma bejn l-istess partijiet u fihom saru l-istess talbiet dwar l-istess art. L-Awtorità tfisser dan l-ewwel aggravju tagħha hekk:

> »Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza … tagħna li sabiex l-eċċezzjoni ta' *res judicata* tirnexxi jridu jissussistu tliet elementi: l-*eadem persona*, *eadem res* u *eadem causa pretendi*. … … …
>
> »… … …
>
> »L-ewwel onorabbli qorti qablet illi l-ewwel rekwiżit u cjoè – *eædem personæ* kien sodisfatt.
>
> »L-ewwel onorabbli qorti ma qablitx illi t-tieni rekwiżit – *eadem res* – ġie sodisfatt u dan għaliex irriteniet illi:
>
>> »"...Huwa minnu li l-ilmenti fil-kawża odjerna huma marbuta mal-istess medda ta' art mertu tal-kawża rik. 42/08 AL iżda l-oġġett mitlub fit-talba tal-kawża odjerna mhuwhiex l-istess bħas-sentenza preċedenti ... Infatti l-kawża odjerna hija intiża li tindirizza lmenti dwar ksur ta' drittijiet fundamentali, liema lmenti l-Qorti Ċivili ordinarja fil-każ rik. 42/08 m'għandhiex il-kompetenza li tiddeċiedi dwarhom. B'hekk anke l-perspettiva li minnha din il-qorti trid tindirizza l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti hija diversa minn dik il-kawża li saret quddiem il-qorti ordinarja".

»B'kull dovut rispett dan hu żbaljat. Fl-ewwel lok il-Qorti Ċivili għandha l-kompetenza wkoll li taqta' u tiddeċiedi kwistjonijiet marbuta ma' ksur ta' drittijiet fundamentali. Biżżejjed wieħed jirrimarka illi l-ewwel onorabbli qorti f'din il-kawża hija l-istess Qorti Ċivili kif kienet il-Qorti Ċivili (dak iż-żmien imsejħa Prim'Awla) li ddeċidiet il-kawża rik. 42/08AL. Għalhekk il-Qorti Ċivili hija ben kompetenti li tisma' u tiddeċiedi kwistjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem.

»Kien hemm żmien fejn il-Qorti Ċivili kienet "tikkonverti" ruħha f'sede ta' natura kostituzzjonali – l-istess qorti, l-istess ġudikant, l-istess kawża – iżda b'nomeklatura differenti sabiex ikun hemm pronunzjament fuq kwistjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem. Iżda l-qrati biż-żmien aċċettaw il-fatt illi tenut kont illi Qorti Ċivili (dak iż-żmien Prim'Awla) kienet kompetenti tisma' u tiddeċiedi sia kwistjonijiet purament ċivili kif ukoll kwistjonijiet ta' ksur [ta' drittijiet] fundamentali tal-bniedem, għall-ekonomija tal-ġudizzju u għall-ispeditezza tal-qtugħ tal-kawżi l-qrqti ċivili kienu jisimgħu kwistjonijiet ċivili u ksur fundamentali flimkien u jagħtu sentenza waħda. Di fatti anke fejn kien hemm kumulu ta' talbiet (ċivili u kostituzzjonali flimkien) il-qrati rriġġettaw eċċezzjonijiet ta' kunflitt ta' talbiet jew inkompetenza tal-qrati.

»Jiġifieri l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta meta qalet illi l-Qorti Ċivili ma kellix kompetenza tiddeċiedi dwarhom.

»Però agħar minn hekk din il-konsiderazzjoni hija bir-rispett *extra petita*. Bħala fatt ingħatat is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012. Ma sar ebda appell sabiex dik is-sentenza tiġi mħassra (u anke hemm wieħed kieku kien irid jara kif tali talba setgħat tiġi msawra). Mela kif l-ewwel onorabbli qorti skartat id-*decide* ta' sentenza mingħajr ukoll ma ħassritha? Kif setgħat tiskartha a bażi tal-fatt illi skont il-Qorti Ċivili l-istess Qorti Ċivili diversament presjeduta kienet inkompetenti? Dan qajla jagħmel sens u fuq kollox legalment skorrett. Il-qorti ma ntalbitx tikkummenta jew tħassar sentenza oħra iżda li tirrispettaha. Dan sar meta talba għat-tħassir ma saritx.

»Sintomatiku wkoll illi l-istess soċjetà attriċi appellata, li llum tgħid li dik is-sentenza ma tiswiex, lanqas biss appellat mis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012.

»Bir-rispett, l-appellanti ssib diffikulta illi s-sentenza in ġudikat tiġi mwarrba għaliex, minkejja d-*decide* skjett u dirett, l-ewwel onorabbli qorti, li fehmet is-sentenza x'kienet, twarrabha u tikkonsidra tali sentenza bla effett għaliex mhux mogħtija minn qorti li għandha "kompetenza" tagħtiha. Dan meta hija l-istess qorti. *Inoltre*, jidher illi l-qorti ma straħet fuq ebda artikolu tal-liġi biex tibbaża d-deċiżjoni tagħha li twarrab is-sentenza u li seba' snin wara s-sentenza tqis il-Qorti Ċivili (li hija l-istess qorti) bħala inkompetenti.

»Bir-rispett kollu l-ottika tal-kawża hija daqstant irrilivanti. Ma hemm ebda perspettiva x'tieħu. Is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012 kienet inekwivoka: illi t-talbiet li kienu purament ta' natura ċivili ġew deċiżi fuq dritt ċivili, u dawk ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem ġew deċiża mill-"perspettiva" ta' lanjanza ta' natura kostituzzjonali. It-talbiet f'dik il-kawża ġew deċiżi korrettament u ma hemm ebda "perspettiva" jew "ottika" għajr il-liġi. In kwantu t-talbiet kostituzzjonali il-Qorti Ċivili kienet ċara li kienet qed tindirizza tali kwistjoni bħala lanjanzi ta' ksur ta' dritt fundamentali tal-bniedem. Isegwi illi jekk verament għandu

jkun hemm "perspettivi" anke dak ġie rispettat fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012.

»L-ewwel onorabbli qorti ma setgħatx twarrab l-ewwel sentenza li kienet tinkludi talbiet identiċi għal dawk odjerni. La kien hemm talba u lanqas ma jidher illi hemm bażi legali li din is-sentenza titwarrab. Għalhekk l-ewwel sentenza u cjoè dik tat-30 ta' Marzu 2012 kellha tittieħed in konsiderazzjoni u konsegwentament l-ewwel onorabbli qorti kellha tasal għall-konklużjoni illi t-tieni rekwiżit tar-*res judicata – eadem res*, huwa sodisfatt.

»L-ewwel onorabbli qorti rriteniet illi t-tielet rekwiżit – *qadem causa petendi* – ma hux sodisfatt. L-appellanti ma jaqbilx. L-ewwel onorabbli qorti sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha, apparti li kkunsidrat mill-ġdid il-fatt li l-qorti li ddeċidiet is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012 ma kinitx kompetenti, l-ewwel onorabbli qorti rriteniet ukoll illi:

»1) l-ewwel kawża kellha aktar talbiet ta' natura ċivili magħduda mal-kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali;

»2) id-diċitura ma hix l-istess;

»3) il-perjodu ma hux identiku peress illi l-kawża odjerna tittratta żmien anke wara s-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012.

»B'kull dovut rispett, il-fatt illi l-ewwel kawża kellha talbiet multipli u oħrajn flimkien ma' dawk ta' natura kostituzzjonali bl-ebda mod ma jillimita jew ixejjen it-talbiet li kienu ta' natura kostituzzjonali! Kien hemm kemm kien hemm talbiet huwa irrelevanti. Li huwa relevanti huwa jekk it-talbiet f'din il-kawża humiex identiċi (legalment) ma' uħud mit-talbiet deċiżi fl-ewwel kawża. Ir-risposta hija iva. Isegwi li l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta li twarrab l-effett tat-talbiet tal-ewwel sentenza merament għaliex kienu mqegħdin mill-atturi appellanti f'dik il-kawża ma' talbiet oħra.

»Il-fatt illi d-diċitura ma hix l-istess hija kwistjoni kosmetika irrilevanti. Dak li jgħodd huwa l-qofol tat-talba mressqa u jekk effettivament it-talba/iet deċiżi fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012 humiex l-istess bħal dawk f'din il-kawża.

»Uħud mit-talbiet ta' din il-kawża huma identiċi għal dawk intavolati fis-sena 2008 deċiżi nhar it-30 ta' Marzu 2012, illum f'ġudikat. Dan li jsegwi huwa eżami komparattiv tat-talbiet korrispettivi f'kull kawża, li juri li t-talbiet (fil-maġġor parti) huma l-istess:

| | |
|---|---|
| »Kawża in ġudikat 42/2008 AL | Kawża odjerna 33/2016 MH |
| »Is-sitt talba | L-ewwel talba |
| »Dikjarazzjoni li hemm leżjoni tad-drittijiet tas-soċjeta attriċi min-ħabba d-dewmien fl-esproprju | Dikjarazzjoni li hemm leżjoni tad-drittijiet tas-soċjeta attriċi min-ħabba d-dewmien fl-esproprju |
| »"Tiddikjara u tiddeċiedi illi żmien ta' *oltre* ħamsa u għoxrin sena biex l-intimati jottempraw ruħhom mal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta rigwardanti l-esproprju tal-art magħrufa bħala *ta' Wied Blandun*, Paola Fgura, hawn fuq riferita, huwa żmien irraġonevoli fi żmien xieraq | "Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-art magħrufa bhala art fil-limiti ta' Casal Paola u Fgura, ... u legalment esproprjata fit-3 ta' Settembru 2010 b'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-30 ta' Marzu 2012 liema esproprjazzjoni tardiva u tilledi d- |

| | |
|---|---|
| sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens u jilledi d-drittijiet kostituzzjonali kif sanciti fl-artikolu 37 u 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea u *cioè* l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea." | drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fosthom l-artikolu 37 u l-Artikolu 32(*a*) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll id-drittijiet protetti mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u l-artikolu 1 tal-*Protocol* 1 tal-istess Konvenzjoni, liema Konvenzjoni u *Protocol* jiffurmaw parti mill-Liġijiet ta' Malta, a bażi tal-Att XIV tal-1987 għaliex ġiet esproprjata 43 sena ilu u sal-ġurnata tallum il-ħlas ta' kumpens ġust għadu mhux finalizzat quddiem ii-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell." |
| »Is-seba' talba | It-tielet talba |
| »Kundanna għal ħlas ta' kumpens għad-dewmien fl-esekuzzjoni tal-esproprju | Kundanna għall-ħlas ta' kumpens għall-allegat leżjonijiet surreferiti |
| »"Tikkundanna lill-intimati u tagħmel dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-diretttvi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għal protezzjoni tad-dritt minn privazzjoni ta' proprjetà bla kumpens inkluż biex iħallsu kumpens xieraq u adgewat fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn din il-qorti u dan *stante* illi dan id-dewmien fl-esekuzzjoni tal-obbligi tal-intimati a tenur tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea u *cioè* l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea" | "Konsegwentement tikkundanna lill-intimati u/jew min minnhom iħallsu dawk id-danni li jiġu likwidati in kumpens għall-fuq imsemmija vjolazzjonijiet." |

»Isegwi għalhekk illi l-ewwel u t-tielet talba huma kolpiti mill-eċċezzjoni ta' *res judicata* peress li dawn it-talbiet bejn l-istess partijiet, fuq l-istess art huma diġà deċiżi minn dina l-onorabbli qorti fis-sena 2012!

»Hu minnu kif irrilevat l-ewwel onorabbli qorti illi t-talbiet li għandha llum il-qorti jirrigwardaw dewmien li seħħ anke wara s-sentenza li għaddiet in ġudikat fis-sena 2012. Imma allura l-ewwel onorabbli qorti jekk emmnet illi kellha tagħti xi kumpens għad-dewmien fis-sena 2019 kellha *se mai* tixtarr kumpens wara s-sentenza tas-sena 2012 u mhux anke għall-perjodu sas-sena 2012 meta l-Qorti Ċivili ddikjarat illi l-appellata ma kellhiex leżjoni ta' dritt fundamentali u għalhekk ma kellhiex jedd għall-kumpens.

»Dan qed jiġu magħdud [*sic*] peress li huwa stat ta' fatt li l-Awtorità tal-Artijiet ma taħtix għal xi allegat ksur għad-dewmien tal-proċedura tal-qrati. Wara s-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012, l-Awtorità tal-Artijiet ma setgħetx taddivjeni għall-ħlas tal-kumpens u dan peress li tali

kumpens għadu sal-lum suġġett ta' proċedura tal-qrati u għalhekk ma huwiex kumpens determinat. Dan qed jingħad peress li, kif jirriżulta mill-provi, is-soċjetà attriċi appellata intavolat kawża quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet sabiex tikkontesta l-ammont offert. Wara li ngħatat sentenza mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, ġie intavolat appell mill-Awtorità tal-Artijiet fejn sal-lum dan l-appell għadu mhux deċiż[8]. Kif tista' allura l-Awtorità tal-Artijiet tgħaddi u taddivjeni biex tħallas il-kumpens dovut, meta sal-lum il-qrati lanqas iddeterminaw il-kumpens dovut? Huwa stat ta' fatt li peress li l-kumpens għadu mhux determinat u likwidat mill-qrati, l-Awtorità tal-Artijiet ma tistax tinstab ħatja għal tali dewmien u dan peress li tali dewmien huwa suġġett ta' proċedura tal-Qrati ta' Malta. Li kieku il-kumpens tal-esproprju llum il-ġurnata huwa determinat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell u li l-ħlas għadu ma sarx, kieku s-soċjetà attriċi kien jkollha raġun tilmenta li tali dewmien fil-ħlas huwa nuqqas da parti tal-Awtorità tal-Artijiet. Però dan ma jistax jingħad, għaliex l-Awtorità tal-Artijiet qatt ma tista' tgħaddi għall-ħlas għall-esproprju meta tali kumpens sal-lum ma huwiex determinat! *Se mai*, l-Awtorità tal-Artijiet ma għandhiex tkun l-entità responsabbli għal tali dewmien (kemm-il darba dan jeżisti).

»Aktar minn hekk jiġi rilevat illi anke biex tara jekk l-appellata ħaqqiex xi forma ta' kumpens wieħed kellu jiddetermina jekk il-mankanzi li rriskontrat l-Qorti Ċivili fl-appellata ġewx sanati; jekk il-qorti kellhiex tiddikjara li hemm jedd ta' kumpens sa mill-għada tas-sentenza fl-2012 jew jekk kellux jingħata xi perjodu ieħor!

»Illi s-soċjetà attriċi fil-kawża odjerna kellha kull possibilità sabiex tappella mid-deċiżjoni tat-30 ta' Marzu 2012 tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, però fil-verità l-appellata dehret li kienet sodisfatta b'dak li qalet il-qorti. L-akkwijexxenza tar-rikorrenti għall-ġudizzju tal-qorti fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012 jsib sostenn f'ġurisprudenza nostrana, fosthom kif irrimarkat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet <u>Joseph Bugeja *v.* l-Avukat Ġenerali</u> deċiża nhar l-14 ta' Jannar 2013 meta saħqet:

> »"Il-fatt illi l-attur ma appellax mis-sentenza jagħmilha ovvja għal din il-qorti illi l-attur ma ħassux aggravat bis-sentenza – forsi għax f'qalbu ħass li kienet tgħid is-sewwa ..."

»Għalhekk, ġaladarba r-rimedju ordinarju u *cioè* appell mis-sentenza tal-2012 qatt ma ġie intavolat, għalhekk lanqas ma jista' jingħad li r-rikorrenti eżawriet ir-rimedji ordinarji kollha disponibbli lilha.

»… … …

»Illi tant kemm hu minnu li s-soċjetà attriċi appellata riedet li terġa' tiftaħ il-proċeduri tas-sentenza deċiża fl-2012, li bħala provi fil-kawża odjerna s-soċjetà attriċi talbet l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża deċiża fl-2012. Fi kliem ieħor, l-attriċi appellata permezz ta' din il-kawża ttentat tagħmel reviżjoni ta' dak li diġà ġie deċiż mill-onorabbli qorti fis-sentenza tal-2012. Dan l-aġir ma huwiex konformi mal-liġi proċedurali ta' Malta u dan peress dak li diġà ġie trattat f'kawżi deċiżi ma għandux jkun suġġett ta' kawża ġdida oħra … … …

»… … .

---

8 Ara nota 1, *supra.*

»L-appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ppruvat tiġġustifika għalfejn hija intavolat il-kawża odjerna meta diġà kien hemm pronunzjament mill-qorti fuq l-istess mertu. Di fatti l-appellata tiġġustifika billi tgħid li mid-data tas-sentenza saru żviluppi fil-ġurisprudenza li wasslu għal linea ta' ħsieb differenti minn dak espress fis-sentenza tal-2012. Illi b'kull dovut rispett din is-sottomissjoni mhux biss turi kemm fil-fatt l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet li tirrevedi l-kawża deċiża fl-2012, iżda talli din is-sottomissjoni ma hijiex konsistenti mal-ġurisprudenza … tagħna. Infatti riferenza qegħda ssir għall-kawża fl-ismijiet Matthew Lanzon *v.* Il-Kummissarju tal-Pulizija deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-25 ta' Frar 2013 (rikors numru 7/2011/2) ġie ssottolinjat il-fatt li:

> »"L-argument huwa għalkollox fieragħ. Ir-*res judicata* għandha bħala fondament tagħha l-interess pubbliku u hija intiża biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li ġew definiti bis-sentenza, anke jekk dawk il-jeddijiet huma fondamentali tal-bniedem. *Res judicata* ttemm il-possibilità li kwistjonijiet jibqgħu miftuħa, meta jkunu għaddew minn proċediment ġudizzjarju li sar definittiv. Bdil fil-ġurisprudenza ma jikkwalifikax bħala bdil ta' ċirkostanzi ladarba t-tliet elementi baqgħu l-istess."

»L-aggravju huwa sempliċi. Il-Qorti Ċivili fis-sentenza 2012 ikkunsidrat u ppronunzjat ruħha fuq talbiet identiċi mressqa mill-appellata. F'dik is-sentenza ġie deċiż li ma kienx hemm leżjoni ta' dritt u ma kienx hemm lok ta' kumpens. Bis-saħħa tas-sentenza appellata, inkluż għall-istess sal-2012, ġiet dikjarata leżjoni ta' dritt u hemm ordni ta' kumpens. Bis-sentenza appellata ġiet maħluqa sitwazzjoni legalment anomala fejn hemm żewġ sentenzi dijametrikament opposti fil-konfront tal-istess talbiet, art u partijiet. Dan seħħ għaliex l-ewwel onorabbli qorti warrbet sentenza in ġudikat meta lanqas ġiet mitluba tagħmel dan. Jekk verament seħħ xi ksur, *se mai* dan messu ġie inkwardrat fil-perjodu bejn l-għotja tas-sentenza fis-sena 2012 u l-intavolar tal-kawża u dan peress li l-proċess amministrattiv tal-Awtorità tal-Artijiet għall-espropriju kien kompletat sas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012 u kulma kien jonqos hu d-determinazzjoni tal-kumpens dovut mill-qrati.

»Għalhekk, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* kellha u għandha tiġi milqugħa.«

12. Id-Direttur Ġenerali wieġeb li jaqbel mas-sottomissjonijiet tal-Awtorità dwar dan l-aggravju.

13. Is-soċjetà attriċi wieġbet hekk għal dan l-aggravju:

»Illi għar-rigward tal-ewwel aggravju, il-qorti in prim' istanza fid-deċiżjoni tagħha kienet korretta meta qieset illi m'huwiex applikabbli il-prinċipju ta' *res judicata* ġaladarba r-rekwiżiti tal-*eadem res* u *eadem causa petendi* ma ġiex sodisfatt.

»Illi fl-ewwel lok jibda biex jingħad illi filwaqt li l-kawża 42/2008 kienet intavolata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-kawża odjerna ġiet intavolata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), u dan għaliex hija din il-qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li

għandha r-rwol u l-kompetenza sabiex tiddetermina jekk effettivament kienx hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, kif protetti kemm bl-artikolu 1 tal-*Protocol* 1 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll protetti bl-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni.

»Illi effettivament, anki l-fatt li l-appellant ġie kkundannat iħallas danni morali fil-forma ta' kumpens fil-kawża odjerna, ukoll minnha nnifisha turi illi n-natura tal-kawża hija differenti. Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża 42/2008 ma setgħet qatt tordna il-ħlas ta' danni morali, għaliex hija qorti f'sede kostituzzjonali biss li għandha is-setgħa *ai termini* tal-liġi illi tordna danni morali. Danni morali f'għajnejn il-liġi ċivili ma jeżistux, u jingħataw biss għall-ksur kostituzzjonali, minn Qorti Kostituzzjonali.

»Illi anki t-talbiet tal-esponenti huma b'mod ċar differenti. Mid-diċitura tat-talbiet kkwotati fir-rikors tal-appell stess, joħroġ ċar illi t-talba għall-ħlas ta' kumpens fil-kawża 44/2008 jirreferi għall-ħlas tal-kumpens dovut għax-xiri tal-art mill-Gvern, ossija jirreferi għas-somma li sussegwentement ġiet deċiża mill-bord li għandha tkun €2,600,000, u mhux kumpens *in linea* ta' danni. Illi wieħed irid jaqra t-talbiet fl-intier tagħhom, fejn effettivament jidher ċar *ictu oculi* illi dak li talab l-esponenti kien li l-gvern jaqdi l-obbligi tiegħu, jiffinalizza l-esproprjazz-oni, u jħallsu l-kumpens lilu dovut, ħaġa li sal-illum għadha ma saritx.

»Illi fuq kollox, is-sentenza 42/2008 kienet ingħatat fis-sena 2012, u għalhekk ben 8 snin ilu. Illi mill-għoti tas-sentenza sallum, mhux talli l-istat ma waqqafx il-ksur tad-drittijiet fundamentali li kien qiegħed isofri l-esponenti, talli aggravahom. Illi mis-sentenza sallum l-istat għażel li jiskarta stima tal-perit tiegħu stess, ippretenda illi jħallas biss €175,000 għall-art li tiswa €3,200,000 u agħar minn hekk, wara li ġie kkundannat iħallas €2,600,000, ossija valur li ħareġ bih il-perit tal-istat stess, u valur anqas mill-valur tal-art, iddeċieda li ikompli jċaħħad lill-esponenti mill-kumpens dovut lilu, u konsegwentement iddeċieda illi ikompli jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti bl-artikolu 1 tal-*Protocol* 1 u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

»Illi dan apparti l-fatt illi l-kawża odjerna saħansitra titratta dwar ksur kemm tal-artikolu 6 kif ukoll tal-artikolu 1 tal-*Protocol* 1 li effettivament lanqas biss kien isemma … fil-kawża 42/2008.

»Illi għalhekk, ikkunsidrat dan flimkien mar-raġunijiet l-oħra kkunsidrati mill-qorti in prim' istanza, jirriżulta illi dan l-aggravju m'huwiex ġustifikat.«

14. Ma huwiex kontestat illi kemm il-partijiet fil-kawża tallum u f'dik numru 42/2008 huma l-istess, kif ukoll l-art li dwarha saru l-kawżi huma l-istess; il-kontestazzjoni hija dwar jekk hemmx *eadem res* u *eadem causa petendi*.

15. Il-kwistjoni ma hijiex jekk fil-kawża numru 42/2008 sarux talbiet li ma sarux ukoll fil-kawża tallum; l-osservazzjoni tal-ewwel qorti illi "l-

ewwel ħames talbiet tal-kawża ċivili m'humiex riflessi fit-talbiet tal-kawża odjerna proprju għax jirrigwardaw materja ta' natura ordinarja, marbuta mal-proċess ta' esproprjazzjoni formali li sa dak iż-żmien kien għadu ma sarx" ma għandhiex tant relevanza għall-għanijiet tal-eċċezzjoni ta' *res iudicata*. Li hu relevanti hu jekk fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu 2012 fil-kawża numru 42/2008 ingħatatx ukoll deċiżjoni dwar it-talbiet magħmula fil-kawża tallum – *eadem res* – safejn imsejsa fuq l-istess premessi tal-kawża l-oħra – *eadem causa petendi*.

16. Kif osservat fir-rikors tal-appell, l-eċċezzjoni tolqot l-ewwel u t-tielet talbiet fil-kawża tallum li, tgħid l-Awtorità appellanti, ġà ngħatat deċiżjoni dwarhom fil-kawża numru 42/2008.

17. Imnaddfa minn verbożità żejda[9], l-ewwel talba fil-kawża tallum trid dikjarazzjoni illi l-fatt illi wara tlieta u erbgħin sena (bejn l-1973 meta ttieħdet l-art sa meta nfetħet il-kawża fl-2016) il-proċess ta' esproprjazzjoni kien għadu ma ntemmx u l-kumpens għat-teħid tal-art kien għadu ma tħallasx iwassal għal ksur tal-jeddijiet tal-attriċi taħt l-artt. 32 u 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. It-tielet talba mbagħad trid kundanna tal-konvenuti għall-ħlas ta' kumpens minħabba dan il-ksur.

[9] Fil-fatt jidher li l-attriċi fir-redazzjoni tal-ewwel talba tfixklet fi kliemha u ħarġet b'talba li ma tagħmilx sens grammatikali; għalhekk riproduzzjoni sħiħa *verbatim* tat-talba ma tgħinx wisq.

18. Is-sitt talba fil-kawża numru 42/2008 ukoll trid dikjarazzjoni illi żmien ta' aktar minn ħamsa u għoxrin[10] sena biex jintemm il-proċess ta' esproprjazzjoni u biex jitħallas kumpens għat-teħid tal-art huwa bi ksur tal-jeddijiet tal-attriċi taħt l-artt. 37 u 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Is-seba' talba trid kundanna għall-ħlas ta' kumpens minħabba dan il-ksur.

19. It-talbiet relativi għal ksur tal-Kostituzzjoni ġew miċħuda fil-kawża tallum u għalhekk ma jibqgħux relevanti. It-talbiet dwar l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll huma l-istess fiż-żewġ kawżi, bid-differenza biss illi, ladarba l-kawża tallum infetħet tmien snin wara l-oħra, id-dewmien huwa itwal. Is-sentenza fil-kawża numru 42/2008 ċaħdet – u għalhekk tat deċiżjoni dwar – it-talbiet taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, li jfisser illi, ħlief safejn jagħmlu differenza t-tmien snin li għaddew sa ma nfetħet il-kawża tallum, ġà hemm deċiżjoni fuq it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll minħabba dewmien.

20. L-ewwel qorti ma qisitx li dan iwassal għal *res iudicata* għax dehrilha illi:

> »Dwar is-sitt u seba' talba tal-kawża rik. 42/08, għalkemm jirreferu għal ksur ta' drittijiet fundamentali li – kif ingħad u *nonostante* l-kummenti tal-qorti ordinarja f'dik is-sentenza – jaqgħu fil-mansjoni esklussiva tal-qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha, jibqa' l-fatt li mhumhiex identiċi għal dawk tal-proċeduri odjerni.«

10 X'aktarx illi l-attriċi fil-kawża numru 42/2008 riedet tgħid ħamsa u tletin sena għax bejn l-1973 meta ttieħdet l-art sa meta nfetħet il-kawża fl-2008 għaddew ħamsa u tletin sena, mhux ħamsa u għoxrin.

21. Dan ma huwiex korrett. Fil-fatt fil-kawża numru 42/2008 kienet ingħatat eċċezzjoni ta' nullità minħabba illi l-azzjoni kienet waħda li "tħallat talbiet taħt il-liġi ordinarja ma' talbiet taħt il-Kapitolu 319 u l-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni", din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda u ma sar ebda appell minn din id-deċiżjoni. Għalhekk, apparti l-fatt illi t-talbiet fil-kawża tallum saru u ngħatat deċiżjoni dwarhom, u din id-deċiżjoni torbot lill-partijiet għax saret finali, id-deċiżjoni tiswa u torbot għax ingħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha kompetenza tagħti dik id-deċiżjoni billi l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] jagħti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili l-kompetenza biex tisma' u tiddeċiedi dwar allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni Ewropea u biex tagħti rimedju.

22. Tassew illi l-kawża numru 42/2008 inbdiet b'rikors maħluf, mhux b'rikors sempliċi kif jinbdew kawżi kostituzzjonali u dawk taħt il-Kap. 319, u jidher illi amministrativament il-kawża tqieset waħda "ordinarja"; dan ma iżda jibdilx il-fatt illi (i) fil-kawża saru talbiet għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u biex jingħata rimedju għal dak il-ksur, (ii) it-talbiet saru quddiem qorti kompetenti biex tisma' u tiddeċidi dwar dawk it-talbiet, u (iii) ingħatat deċiżjoni dwar dawk it-talbiet li hija finali u torbot lill-partijiet. Apparti l-fatt li s-sentenza fil-kawża numru 42/2008 qatt ma ġiet impunjata u għalhekk għadha torbot, l-art. 164(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid espressament illi "ma hemmx nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors minflok tinġieb b'rikors ġuramentat".

23. F'kull każ, li hu relevanti hu li s-sentenza fil-kawża numru 42/2008 hija waħda valida u torbot lill-partijiet.

24. Jonqos mela li naraw jekk id-differenza ta' tmien snin bejn kawża u oħra, u l-fatt li d-dewmien kompla żdied bi tmien snin, jagħmulx differenza fil-*causa petendi* b'mod li, relativament għal dawk it-tmien snin, ma jistax jingħad li hemm *res iudicata*.

25. It-talba fil-kawża tallum ma hijiex imsejsa speċifikament fuq dik id-differenza ta' tmien snin iżda jista' jkun illi hemm differenza relevanti fis-sens li għalkemm dewmien ta' ħamsa u tletin sena ma jitqiesx dewmien li jikser il-jedd tal-attriċi, dewmien ta' tlieta u erbgħin sena jikser l-istess jedd. Biex naraw dan jeħtieġ li naraw x'kien li wassal lill-qorti fil-kawża numru 42/2008 biex tiċħad it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-art.1 tal-Ewwel Protokoll. Il-qorti kienet immotivat id-deċiżjoni hekk:

> »Illi għal dak illi jirrigwarda id-disa' eċċezzjoni, dik illi ma hemm l-ebda ksur … tal-artikolu 1 tal-Ewwel *Protocol* tal-Konvenzjoni Ewropea, il-qorti rat illi effettivament irriżulta illi l-gvern dam aktar minn sebgħa u tletin (37) sena sabiex joħroġ il-*President's Declaration* u jagħmel in-*notice to treat*.
>
> »Illi irrizulta wkoll mill-parti l-oħra illi is-soċjetà attriċi akkwistat l-art in kwistjoni fl-1989, izda ipproċediet bil-kawża odjerna fis-sena 2008, dsatax-il sena wara illi akkwistat l-art in kwistjoni.
>
> »Illi, f'dan ir-rigward, il-qorti rat sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet Felice Abela *et v.* Kummissarju tal-Artijiet *et* fejn din il-qorti, diversament preseduta, qalet hekk:
>
>> »"Kif qalet l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Bezzina Wettinger *v.* Kummissarju tal-Artijiet, deċiża fl-10 ta' Ottubru, 2003, "id-dikjarazzjoni presidenzjali timporta biss restrizzjoni, anke jekk assoluta, fuq l-użu tal-proprjetà minn sidha, u tinvesti [*sic*] lill-istat bid-dritt li jagħmel użu mill-istess proprjetà ad esklużjoni ta' sidha jew ta' terzi persuni". Dan ifisser li l-okkupazzjoni mill-gvern ta' dawn il-biċċtejn art ma jistax jitqies illegali jew abusiv għax il-liġi stess tvesti lill-gvern bil-pussess materjali tal-artijiet espro-prjati."

»Il-gvern m'għandux, però, jieħu pussess tal-art u ma jiħux passi ulterjuri għad-determinazzjoni tal-materja u ħlas ta' kumpens dovut. Skond il-proċedura allura viġenti (qabel l-emendi introdotti bl-att XI tal-2002) wara l-ħrug tad-dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni, il-Kummissarju tal-Art irid isegwi l-materja billi javża lis-sid permezz ta' avviż magħruf bħala avviż għall-ttehim bil-ħtieġa tal-esproprjazzjoni u jindika l-kumpens li jkun qed jiġi offrut.

»Jekk is-sid ma jaqbilx mal-ammont tal-kumpens offrut, għandu javża b'dan lill-Kummissarju tal-Art fi zmien 21 jum minn meta jirċievi l-avviż għall-ftehim, u, meta l-kummissarju jirċievi dan l-avviż, għandu jibda proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet biex dan il-bord jiffissa l-kumpens li għandu jitħallas lis-sid. Wara d-deċiżjoni tal-bord, ikun jista' jiġi pubblikat il-kuntratt ta' trasferiment tal-art a favur il-gvern.

»Sfortunatament il-liġi ma timponi ebda terminu fuq il-Kummissarju tal-Art *entro* liema jrid iressaq l-avviż għal-ftehim, u, f'każ ta' kontest-azzjoni fuq il-kumpens offrut, biex iressaq il-materja quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ, u fil-prattika ġieli ġara li l-Kummissarju tal-Art jdum snin twal ma jieħu dawn il-passi. Hekk, fil fatt, ġara f'dan il-każ.

»Wara li saret id-dikjarazzjoni għall-esproprjazzjoni fi Frar tal-1974, ma ttieħdu ebda passi oħra biex il-materja tiġi determinata. Il-qorti tagħmilha ċara mill-ewwel li hi tiddeplora dan l-atteġġjament tal-Kummissarju tal-Art, u tara li hu abbużiv li, f'kaz ta' esproprjazzjoni, is-sid jitħalla fil-limbu għal aktar minn 30 sena. Min-naħa l-oħra, tqis ukoll li l-rikorrenti naqsu meta għal tul dan iż-żmien kollu ma ħadu ebda proċeduri biex iġiegħlu lill-Kummissarju tal-Art jaġixxi. Huwa ben magħruf bħala prinċipju legali li, meta l-liġi ma tipprovdix terminu biex isir xi att, min hu interessat jista' jadixxi l-qorti ordinarja biex din tiffissa terminu xieraq skond iċ-ċirkostanzi. L-imħallef sedenti din il-qorti, meta kien għadu jipprattika ta' avukat, ġieli kien imqabbad biex juża din il-proċedura, u jista' jikkonferma li hi proċedura effettiva, peress li, malli l-qorti timponi terminu perentorju fuq il-Kummisarju tal-Art, dana tal-aħħar kif ikun obbligu tiegħu jagixxi. Hu veru li din mhux sitwazzjoni feliċi, iżda għan-nuqqas tal-Kummissarju tal-Art li jaġixxi hemm mod kif bi proċeduri ordinarji huwa jista' jigi mġiegħel jagixxi.

»Il-qorti tħoss li persuna m'għandhiex kull meta jkun hemm xi nuqqas tal-amministrazzjoni tinvoka mill-ewwel ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha mingħajr ma fl-ewwel lok tara jekk l-ordinament ġuridiku jipprovdix hu stess rimedju. Ir-rimedju ordinarju għandu jiġi invokat qabel ir-rimedju straordinarju ibbażat fuq il-Kostituzzjoni u l-Kon-venzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. … … …

»… … …

»Il-liġi ordinarja, għalhekk, kemm meta tagħti drittijiet u poteri liċ-ċittadin, kemm meta tagħti l-istess lill-amministrazzjoni, tipprovdi, fiha nnifisha, soluzzjonijiet kemm biex dawk id-drittijiet ikunu jistgħu jiġu gawduti, kif ukoll biex jiġu temperati f'każ li dak li jkun jeċċedi l-limiti tad-dritt jew poter tiegħu. L-ordinament ġuridiku, fi kliem ieħor, għandu jitqies, hu preżunt u għandu jingħata l-opportunità li jsolvi hu stess il-problemi li jinqalgħu bl-ezerċizzju tad-drittijiet u l-poteri li hu stess jikkonferixxi, u hu biss meta dan l-ordinament ġuridiku jirriżulta li hu monk f'dawn is-soluzzjonijiet, li ċ-ċittadin jkun jista' jirrikorri għar-rimedju straordinarju taħt il-Kostituzzjoni tal-pajjiż. Rimedju taħt il-Kostituzzjoni hu, biex ngħidu hekk, ta' imbarazz għall-gvern, għax ikun

> ifisser li jew abbuża bil-poteri tiegħu jew naqas li jipprovdi liċ-ċittadin b'rimedju għad-dritt tiegħu, lilu konċessi jew bil-liġi naturali jew bil-liġi tal-istat stess. Għalhekk, il-Kostituzzjoni stess tipprovdi illi, qabel ma dak li jkun iressaq ilment taht il-Kostituzzjoni, irid l-ewwel "*to exhaust all ordinary remedies*", għax, qabel ma jallega nuqqas da parti tal-awtorità governattiva, irid l-ewwel jipprova jieħu ir-rimedju tiegħu taħt il-liġi ordinarja li pprovdielu l-istess gvern.
>
> »Hu biss jekk jirrizulta li l-gvern ma ipprovdiex rimedju adegwat li ċ-ċittadin jista' jakkuza lill-awtorità b'nuqqas b'kawża kostituzzjonali. M'għandux jiġi preżunt li l-gvern naqas li jipprovdi liċ-ċittadin b'rimedju għal-lanjanzi tiegħu; anzi ordinament ġuridiku sħiħ u komplut għandu jkun preżunt li jikkontjeni, fih innifsu, id-drittijiet u r-rimedji opportuni li jeħtieġ il-pubbliku soġġett għal dak l-ordinament. Jekk ir-rimedju li jipprovdi l-ordinament ma jkunx effettiv, allura mbagħad iċ-ċittadin jista' jakkuża lill-gvern li naqas li jipprovdilu rimedju adegwat.
>
> »… … …
>
> »Kif intwera, il-qrati ordinarji huma dejjem propensi jimponu żmien fuq parti biex taġixxi meta tara li n-nuqqas ta' terminu pattwit jew impost jista' jkun ta' preġudizzju għall-parti l-oħra, u, meta jiġi impost tali terminu, il-parti sokombenti tkun trid taġixxi *entro* dak it-terminu, għax tista' tkun passibbli anke għall-proċeduri ta' disprezz fil-konfront tagħha (u dan apparti konsegwenzi legali li jistgħu jirrizultaw b'konseg-wenza tan-nuqqas). Il-ġudikant sedenti jaf *di scientia propria* li tali rimedju jeżisti, intuża u kien effettiv. Persuna għalhekk li, għal 30 sena sħaħ, injorat u ma invokatx ir-rimedji ordinarji pprovduti bl-ordinament ġuridiku ma jistax wara jirreklma danni jew rimedju alternattiv.«

26. Ir-raġunament tal-ewwel qorti kien illi ż-żmien qabel ma nbdew il-proċeduri li wasslu sabiex quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet jiġi likwidat il-kumpens ma jistgħux jitqiesu billi l-attriċi kellha rimedju taħt il-liġi ordinarji biex iġġiegħel li jinbdew dawk il-proċeduri, iżda naqset milli tinqeda b'dak ir-rimedju.

27. Għalkemm il-posizzjoni li ħadet l-ewwel qorti hija llum x'aktarx superata fil-ġurisprudenza aktar reċenti, dan ma jfissirx illi l-attriċi tista' terġa' tiftaħ il-każ mill-ġdid. Bdil fil-ġurisprudenza ma jxejjinx l-effett tar-*res iudicata*.

28. Madankollu, ir-raġunament tal-qorti fil-kawża numru 42/2008 jolqot biss iż-żmien qabel ma nbdew il-proċeduri bil-pubbikazzjoni tad-

dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fis-6 ta' Ottubru 2010; ma jolqotx ukoll iż-żmien wara dik il-pubblikazzjoni sakemm il-każ inqata' bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Lulju 2020. Għalhekk kien leċitu fil-kuntest tal-kawża tallum u minkejja r-*res iudicata* illi l-qorti tqis jekk il-mogħdija taż-żmien bejn is-6 ta' Ottubru 2010 u d-9 ta' Lulju 2020 biex jintemmu l-proċeduri li fihom jiġi likwidat il-kumpens dovut lill-attriċi kienx bi ksur tal-jedd tagħha mħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll. Li ma kienx leċitu fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum u fid-dawl tar-*res iudicata* hu illi l-ewwel qorti tgħid, kif qalet, illi "għall-fini tal-kalkolu tar-raġjonevolezza taż-żmien ma jiġix meqjus biss iż-żmien li fih inbdew il-proċeduri uffiċjali relattivi iżda anke ż-żmien li l-awto-ritajiet governattivi jieħdu biex proprju jibdew tali proċeduri", ukoll jekk, fil-verità, dak li qalet il-qorti hu legalment korrett. Dwar dan iżda ġà hemm deċiżjoni – tajba jew ħażina iżda dejjem vinkolanti – bis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2012 fil-kawża numru 42/2008, u dik id-deċiżjoni ma tistax issa terġa' tinfetaħ la ma sarx appell minnha fi żmien utli.

29. Barra minn hekk, iżda, trid tqis ukoll illi fil-kawża tallum saret talba għal dikjarazzjoni ta' ksur ukoll tal-art. 6 tal-Konvenzjoni. Din it-talba ma saritx ukoll fil-kawża numru 42/2008, għalkemm effettivament hija talba msejsa fuq l-istess premessi li fuqhom kienu msejsa t-talbiet fil-kawża 42/2008 u għalhekk hija talba li setgħet saret f'dik il-kawża wkoll.

30. F'dan is-sens limitat, għalhekk, dan l-aggravju qiegħed jintlaqa'.

31. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-Awtorità li jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tiċħad l-eċċezzjoni li l-attriċi kellha tinqeda bir-rimedju li tagħtiha l-liġi ordinarja. Tfisser dan it-tieni aggravju tagħha hekk:

> »L-ewwel onorabbli qorti ma qablitx mas-sottomissjoni tal-appellanti u qieset illi l-Kummissarju tal-Artijiet messu ottempra ruħu tempestiva-ment mal-provvedimenti tal-liġi mingħajr il-ħtieġa li l-individwu milqut ikun kostrett jieħu l-inizzjattiva hu biex iġiegħel lill-istess kummissarju jwettaq id-dover tiegħu legali ... … .
>
> »L-appellanti ma jistax jaqbel ma’ dan ir-raġunament. … … …
>
> »… … …
>
> »Fuq kollox anke jekk issa l-appellata temmen li kellha xi ksur ta’ dritt kellha teżerċita rimedji ordinarji l-ewwel u mhux straordinarji. Dan anke fil-kuntest tal-fatt li tali rimedju ordinarju huwa *se mai* qed jiġi eżerċitat matul il-kawża odjerna, u dan peress li hemm appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.
>
> »L-appellanta ma tistax ma tirrimarkax illi l-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-sena 2012 kienet diġà ppronunzjat ruħha proprju fuq dan il-punt. … … …
>
> »... … …
>
> »Fi kliem ieħor, is-soċjetà appellata ma kellhiex taddivjeni għar-rimedju kostituzzjonali li fih innifsu huwa rimedju aħħari u eċċezzjonali, iżda minflok taddivjeni l-ewwel għar-rimedji ordinarji, u, fin-nuqqas ta’ eżitu pożittiv, tirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali. … … …
>
> »… … …

32. Il-qorti ma tarax illi huwa meħtieġ provvediment fuq dan l-aggravju. Effettivament ġà hemm deċiżjoni msejsa fuq id-disponibilità ta’ rimedju ordinarju fis-sentenza tat-30 ta’ Marzu 2012 fil-kawża numru 42/2008 – li issa ngħatat l-effett kollu tagħha ta’ *res iudicata* – u għalhekk id-disponibilità tar-rimedju ordinarju ġà ngħatat l-effetti kollha tagħha għall-għanijiet tal-kawża tallum.

33. Il-qorti għalhekk ma hijiex sejra tqis aktar dan l-aggravju.

34. Ngħaddu issa għat-tielet u l-aħħar aggravju tal-Awtorità appellanti li jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li ssib ksur tad-drittijiet tal-attriċi

mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll u taħt l-art. 6 tal- Konvenzjoni, u l-*quantum* tal-kumpens mogħti mill-ewwel qorti għal dan il-ksur. Tfisser dan it-tielet u l-aħħar aggravju tagħha hekk:

»L-ewwel onorabbli qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha ma ħadetx ukoll in konsiderazzjoni illi:

»1) l-appellata ma kinitx dik li oriġinarjament kienet affettwata bl-esproprju. L-appellata akkwistat l-art fl-1989, u *cioè* snin wara li sar l-espropriju b'għajnejha miftuħa konxju bil-fatt illi qed tixtri l-esproprju;

»2) l-appellata qatt ma interpellat il-gvern għal kumpens. Filwaqt illi l-appellanti temmen li dan il-fatt jimmilita kontra l-appellata u fil-fatt ma ħaqqha ebda kumpens, l-ewwel onorabbli qorti kienet qalet li *se mai* dan in-nuqqas jittieħed in konsiderazzjoni għall-kumpens għad-danni. Jidher illi, fil-konsiderazzjonijiet ulterjuri għal fini ta' kumpens, l-ewwel onorabbli qorti ma ħaditx ukoll in konsiderazzjoni l-osservanza [*sic*] tagħha stess għaliex imkien ma ċċanfar lill-appellata fuq id-dewmien tagħha!

»3) fis-sena 2012 il-Qorti Ċivili ppronunzjat ruħha proprju fuq dan il-punt u qieset illi l-karenza ta' interpellazzjoni għall-ħlas mill-appellata u n-nuqqas ta' teħid ta' rimedji ordinarji jfisser illi l-appellata ma hija intitolata għalebda kumpens;

»4) jirriżulta illi *cio nonostante* l-appellata bl-aktar mod skorrett intavolat kawża bl-istess mertu ta' kawża in ġudikat u ttantat xortiha li ssib mezz kif tirribalta l-eżitu ta' kawża in ġudikat. Fil-fatt bl-aktar mod dirett fis-sottomissjonijiet tagħha l-appellata tgħid illi din il-kawża ġiet riproposta minħabba bdil fil-ħsieb ġurisprudenzjali. Ifisser issa li kulħadd intitolat jintavola kawżi kostituzzjonali kull fejn inbidel il-ħsieb ġurisprudenzjali? L-ewwel sentenza tas-2012 trid tiġi rispettata;

»5) jirriżulta illi fil-mori tal-kawża deċiża fis-sena 2012 kienu nbdew il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fejn fis-17 ta' Frar 2016 il-bord ta sentenza, u konsegwentament l-esponenti appellat minnha. L-appell sal-lum għadu pendenti[11]. L-Awtorità esponenti tissottometti illi, kif jirriżulta mill-provi, ma hemmx trapass taż-żmien straordinarju jew inkonċebbli u speċjalment meta wieħed jikkonsidra kemm il-każ odjern huwa tekniku u legali. Li kieku kien hemm sentenza *res judicata* u l-esponenti naqset milli taddivjeni għall-ħlas, is-soċjetà attriċi kien jkollha raġun li tindirizza din it-talba fil-konfront tal-Awtorità tal-Artijiet. Madanakollu, sakemm ma hemmx kumpens definit b'sentenza *res judicata* tal-qrati, l-esponenti ma tistax tgħaddi għal tali ħlas. Dan id-dewmien ma jistax jiġi attribwit lill-appellanti.

»*Dato ma non concesso*, skont ġurisprudenza kostanti għandhom jiġu kkunsidrati b'mod komplessiv biex jiġi determinat jeżistix dewmien bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni n-natura u kumplessità tal-każ, l-imġieba proċesswali tal-partijiet fil-kawża u l-mod kif l-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja nnifisha. … … …

---

11 Ara nota 1, *supra.*

»… … …

»Isegwi għalhekk li peress li l-proċeduri nbdew quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet fis-sena 2011, ma jistax jingħad li għadda xi trapass taż-żmien esaġerat sad-data li ġiet intavolata il-kawża odjerna u *cioè* fis-sena 2016, u dan peress li l-kumplessità tal-każ mil-lat legali u tekniku hu li hu. Kwindi, għalhekk, is-soċjetà attriċi ma ħaqqha l-ebda forma ta' kumpens.

»Finalment jiġi rilevat illi filwaqt illi l-ewwel onorabbli qorti llikwidat kumpens fl-ammont ta' €30,000 għal kumpens morali, ma hemm ebda spjegazzjoni ta' kif l-ewwel onorabbli qorti waslet għal dan l-ammont. Fuq kollox l-appellata ma ressqet ebda prova ta' xi danni morali li setgħat effettivament soffriet. *Inoltre*, l-ewwel qorti lanqas ma qieset il-fatt li s-soċjetà rikorrenti ser tgawdi awment fil-valur tal-proprjetà, u dan peress li l-valur tal-proprjetà tal-lum jiswa ferm iktar mill-valur tal-proprjetà lura fis-sena li sar l-esproprju *de facto*.

»Tenut kont tal-fatt illi l-appellata akkwistat hi l-art bl-esproprju u wara baqgħet siekta – fi kliem ieħor setgħat tevita dan l-inkwiet (jekk fil-fatt dan hu inkwiet u mhux spekulazzjoni billi ma tixtrix l-art); tenut kont tal-fatt illi fis-sentenza tas-sena 2012 ma ngħatat ebda raġun; tnut kont illi l-appellata ippruvat tirribalta sentenza b'sentenza oħra minkejja li f'ġudikat (sa issa irnexxilha); tenut kont illi sa minn qabel il-pronunzja-ent favorevoli għall-appellant fis-sena 2012, fis-sena 2011 bdew proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet li għadha pendenti fil-Qorti tal-Appell[12] – dewmien mhux attribwibbli lill-apellanti; l-apellanti temmen illi s-somma ta' €0,000 hija eċċessiva u fil-fatt temmen illi ebda kumpens ma hu fil-fatt dovut.«

35. Id-Direttur Ġenerali wieġeb li jaqbel ma' dan l-aggravju tal-Awtorità.

36. Is-soċjetà attriċi wieġbet hekk:

»Illi t-tielet aggravju imressaq mill-appellant jirrigwarda il-likwidazzjoni tal-kumpens mogħti mill-qorti in prim' istanza. Illi dan il-kumpens huwa ġust meta wieħed jikkunsidra diversi fatturi, u dan mhux biss it-trapass taż-żmien imma ukoll il-valur tal-art meħudha, u l-gravità tal-abbuż magħmul mill-istat fejn il-qorti għandha quddiema sitwazzjoni fejn l-istat, minflok ottempora ruħu mal-liġi u straħ fuq valutazzjoni magħmula minn perit *ex parte* tiegħu stess, ġab valutazzjoni fittizzja, u wara saħansitra appella d-deċiżjoni mogħtija minkejja li s-somma likwidata mill-bord frankat lill-istat €600,000. Ovjament tul din il-proċedura kollha, l-esponenti, li direttur u azzjonist tagħha riesaq lejn id-90 sena għadu b'xejn, u x-xewqa tiegħu li dil-kwistjoni jeħlisha u jirċievi dak dovut lilu qabel immut, għadha ma avveratx ruħha.

»Illi fuq kollox, il-kumpens ta' €30,000 mogħti mill-qorti in prim' istanza huwa normali meta kkunsidrat ma' kawżi reċenti li jikkonċernaw lanjanzi kostituzzjonali fuq esproprjazzjoni, inkluż fil-kawża ta' Franco Buttigief *et v.* Avukat Ġenerali deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Ottubru 2018. Illi effettivament, tenut

[12] Ara nota 1, *supra.*

kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, kważi kważi, il-kumpens morali għall-leżjoni sofferta huwa saħansitra baxx.«

37. L-argument tal-attriċi illi s-sentenza tal-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet, issa konfermata mill-Qorti tal-Appell, "iffrankat lill-istat €600,000" huwa fieragħ u irrelevanti. L-attriċi ma tistax tilmenta dwar il-kumpens mogħti għall-esproprjazzjoni għax fil-fatt ingħatat daqs-kemm talbet, u ma tistax tinqeda b'din il-kawża tallum biex tieħu aktar.

38. Min-naħa l-oħra lanqas ma hu relevanti l-argument tal-Awtorità li, qabel ma kien hemm sentenza finali li tillikwida l-kumpens dovut, hi ma setgħetx tħallas. Il-fatt relevanti jibqa' li sid li tteħditlu proprjetà baqa' ma ngħatax kumpens għax l-Awtorità irrifjutat li tħallas dak mitlub mis-sid meta mbagħad il-kumpens likwidat mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet u konfermat mill-Qorti tal-Appell kien daqs-kemm mitlub mis-sid.

39. Meqjusa l-fatturi kollha li saru fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju[13], u meqjus ukoll illi żmien ta' għaxar snin bejn is-6 ta' Ottubru 2010 u d-9 ta' Lulju 2020, li matulu l-attriċi ġiet imċaħħda minn ħwejjiġha bla ma ngħatat kumpens għalhekk, huwa wkoll żmien itwal milli hu xieraq meta tqis illi l-proċess ta' likwidazzjoni tal-kumpens ma kienx xi wieħed partikolarment kompless, u meqjus ukoll illi għad-danni materjali li ġarrbet minħabba d-dewmien l-attriċi ġà ngħatat kumpens xieraq u biżżejjed bl-imgħaxijiet mill-21 ta' Ġunju 1973 mogħtija lilha mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet u

[13] Para. 28 *et seq. supra.*

konfermati bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-9 ta' Lulju 2020, il-qorti hija tal-fehma illi l-kumpens ta' tletin elf euro (€30,000) għal danni morali mogħti mill-ewwel qorti huwa wisq, u qiegħda tillikwida, minflok, kumpens ta' elfejn euro (€2,000) għal danni morali.

40. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata:

    i. tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* u, minflok, tilqa' dik l-eċċezzjoni fil-limiti mfissra fil-para. 2728 u 29 *supra*;

    ii. tħassarha fejn illikwidat kumpens għal danni morali fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000) u, minflok, tillikwida kumpens għal danni morali fis-somma ta' elfejn euro (€2,000);

    iii. tikkonfermaha fil-bqija.

41. L-ispejjeż ta' dak il-konvenut li nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju tħallashom is-soċjetà attriċi; l-ispejjeż l-oħra tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn l-attriċi u l-Awtorità, u dawk tal-appell jinqasmu hekk: żewġ ishma minn tlieta (⅔) tħallashom l-attriċi u s-sehem l-ieħor minn tlieta (1/3) tħallsu l-Awtorità.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb